MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 126/2008

Kawza fil-lista: 45

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami**
**u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja kuraturi deputati nominati biex jirrapprezentaw lill-assenti C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-24 ta’ Settembru 2003, kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi l-kunsens tal-attur ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b' qerq dwar il-kwalita' tal-konvenuta i mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi provat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien ivvizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha li, kif ukoll ser jigi ppruvat waqt il-mori tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-istess konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

4. Illi l-kunsens tal-konvenuta inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' elementi essenzjali ta' hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

5. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu skond il-ligi;

6. Illi l-esponent jaf personalment bil-fatti kollha u debitament enumerati;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn premessi, l-attur umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fl-24 ta' Settembru 2003, kien wiehed null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u dan ai termini tal-Artikolu 19(1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, b' mod generali, u b' mod specifiku a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (c), (d) u (f) tal-istess Artikolu 19(1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk tordna li ssir annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrispondew li ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri kif ikunu hekk edotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta assenti fl-24 ta’ Settembru 2003 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali ta’ l-attur kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], tal-partijiet fit-termini tal-paragrafu [d] u tal-konvenuta fit-termini tal-paragrafu [f], ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li fl-24 ta’ Settembru 2003, l-attur, cittadin Malti ta’ 19-il sena, izzewweg lill-konvenuta assenti, cittadina marokkina wkoll ta’ 19-il sena, wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa seba’ xhur. Wara gimgha, il-konvenuta siefret lejn il-Marokk u ma’ regghetx irritornat, u qatghet kull kuntatt ma’ l-attur. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

L-attur jispjega li, peress li kellu xi jghid mal-genituri tieghu, huwa kien mar jghix ghar-rasu. Sussegwentement iltaqa’ mal-konvenuta, u dina riedet li taqbad relazzjoni mieghu. Eventwalment kienet insistiet mieghu li jizzewwgu, sabiex issolvi l-problema tal-visa taghha li kienet skadiet. L-attur accetta, u izzewwigha. Izda gimgha wara, il-konvenuta siefret lejn il-Marokk peress li, kif qalet hi, ommha kienet marida u riedet tmur taraha. Wara li marret il-Marokk, il-konvenuta qatghet il-kuntatti ma’ l-attur.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi jirrizulta car li l-konvenuta ma kellhiex l-intenzjoni li tghix il-hajja konjugali ma’ l-attur. Hija riedet tizzewweg biex issolvi l-problema tal-visa taghha, u tkun tista’ tigi lura Malta meta trid, jekk trid. Fil-fatt kienet iddecidiet li tibqa’ barra.

F’ dawn ic-cirkostanzi l-Qorti thoss li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-konvenuta kienet eskludiet b’ att pozittiv tal-volonta’ taghha milli tghix il-hajja konjugali ma’ zewgha l-attur; tant, li gimgha wara, hija telqet minn Malta u qatghet kull kuntatt minn mieghu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, liema *caput nullitatis* jezisti fil-konfront tal-konvenuta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-24 ta’ Settembru 2003.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta assenti; izda dawk relatati mal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------